MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 33

15 ta' Settembru 2021

Il-Kunsilli Lokali H'Attard iltaqa' online b'xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Helen Caruana – Kunsillier
John P.Bonnici – Kunsillier
Maria Concetta Scerri - Kunsillier
Victor Galea – Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Giorgio Schembri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-5.40pm. Kulħadd kien preżenti bl-eċċezjoni tas-Sur Victor Galea li daħal onlajn 5.47pm.

Is-Sur Cordina ta l-kondoljanzi u qal talba lis-Sinjura Connie Scerri li għadu kemm mietilha ħuha.

## 33.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

33.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kellhiex ittri t'apoloġiji.

## 33.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

33.2.1 Il-Minuti ġew approvati.

## 33.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku nforma lill-Kunsill rigward:

33.3.1 ***Korsijiet taht Skema 1/2021***

Is-Sur Cordina qal li ir-Reġjun Ċentru nieda skema ta' €5,000 għal dawk ir-residenti minn Ħ'Attard biss li jixtiequ jitgħallmu b'mod virtwali u kien għalhekk li nġabru tliet kwotazzjonijiet li huma dawn:

CMC Training Centre qed joffri bil-prezz ta' € 5,000 ECDL standard free of charge imma l-*mock tests* u eżamijiet ħa jiċċarġja r-residenti €109.95 imma mhux kollox hu b'xejn. Qed joffri wkoll korsijiet ECDL Advanced imma l-*mock tests* u eżamijiet jiġu €180.00 u Beginners courses online li huma *free.*
Ice Malta qed joffri tliet opzjonijiet ta' tagħlim għall-Coding, ieħor għall-web with HTML, CSS u Javascript u Intro to Design with Adobe Illustrator and Photoshop b'massimu ta' klassi waħda ta' mhux iktar minn 15-il student.
TCTC Training qed joffri pakkett mimli mhux ħażin fejn barra ECDL standard fejn xorta jridu jitħallsu l-eżamijiet imma barra dan qed joffri wkoll ICT4u, Basic ICT Skills,Moving towards the Norm from COVID-19 pandemic, Basic Microsoft Teams course for Parents, Basic Zoom course for parents, Microsoft Publisher online course for Kids, Zoomed Basic First Aid, Coding for Kids, Zoomed security Guard Training leading to Security Guard Tag li jkunu partially funded.
L-Avukat Caruana saqsiet jekk il-korsijiet ġewx issuġġeriti mill-Kunsill jew jekk għidnilhomx jtuna pakkett b'€ 5,000 għall-30 persuna. Is-Sur Cordina qal li inizjalment il-korsijiet kienu ħa jiġu offurti mir-Reġjun għall-13-il Kunsill. Kien sar stħarriġ online u ma setgħux isibu minn jissupplixxi l-ammont kollu skont il-kriterji ta' proċeduri ta' xiri ta' servizz. Għalhekk intbagħtet imejl ġenerica lill-kulħadd biex jaraw x'jistgħu joffru b'€5,000.
Is-Sur Bartolo saqsa jekk għal dawk li speċifikaw l-oħrajn barra TCTC riedux iktar flus extra. Is-Sur Cordina qal li bħalha pakkett l-iktar vantaġġjuż hu ta' TCTC u barra minn hekk ilhom snin jaħdmu bih u dejjem ħareġ lil Kunsill ta' nies. Is-Sinjuri Bartolo u Mangion qablu ma dan. Kulħadd qabel b'għażla komuni li l-korsijiet isiru minn TCTC.

33.3.2 *Performance Indicators Report for the Year 2019*

Is-Sur Cordina qal li l-Kunsill irċieva l-Performance Indicators Report 2019 fuq il-ġbir ta' skart domestiku, riċikklabbli u knis. Qal li jinnota b'sodisfazzjoni li fejn jidħol riċikklaġġ il-*performance* tal-Kunsill qieghed 47.60 meta l-medja Nazzjonali hi dik ta' 45.93. Dan ifisser li l-Kunsill qabeż il-medja nazzjonali sew u dan hu grazzi għar-residenti u għall-isforz li sar mill-Kunsill fejn tidħol edukazzjoni.

Qal li mbagħad hemm il-*Performance Indicators* fuq it-tindif tat-toroq li f'dan il-kaz ta' Malta hu 17 filwaqt li ta' Ħ'Attard hu 15. Qal li għalkemm mhux daqs il-medja ta' Malta mhux qegħdin ħażin, meta wieħed iqis li dan 2019 u li minn dak iż-żmien saru ħafna sforżi u wieħed jistenna li għas-snin 2020/21 ikun aħjar. Is-Sur Victor Galea qal li hu rapport tajjeb imma kif qal is-Sindku hemm mod kif jimmiljora u jkun dejjem aħjar. Il-Perit Schembri saqsa minn min jiġi kkummisjonat dan ir-rapport. Ir-rapport sar mid-Dipartiment imma jiġbru d-data bħal per eżempju mingħand Greenpak li hu l-operatur tal-Kunsill Lokali. Il-Perit Schembri saqsa wkoll jekk dan kienx marbut ma xi premju. Is-Sur Cordina qal li premju l-Kunsill ġa ħa imma abbinat mal-European Waste Reduction Week fejn bħalha edukazzjoni amministrattivament il-Kunsill kien wieħed proattiv ferm. Qal ukoll li biex ikun qal kollox jekk il-Kunsill ġie premjat hu grazzi wkoll għall-istaff tal-Kunsill li ħarġ b'ċertu inizjattivi li bihom il-Kunsill ikkompeta u rebaħ dan il-premju u li pubblikament xtaq jirringrazzja. Il-Perit Schembri u s-Sinjura Connie Scerri irringrazzjaw l-istaff ukoll filwaqt li s-Sinjura Scerri rrimarkat li grazzi għall-koperazzjoni tan-nies wieħed ikollu ambjent aħjar.

33.3.3 *Environmental Sustainability and Waste Reduction Week*

Is-Sur Cordina qal li fl-aħħar laqgħa kienu tkellmu fuq attività edukattiva fejn Is-Sinjura Scerri kienet semmiet l-aspett biex nibżgħu għall-ilma imma li sfortunatament id-*deadline* kienet wisq viċin u allura ma kienx hemm żmien biżżejjed biex isir id-disinn u l-istampar etc. Hu qal li waħda mill-affarijiet li l-AKL qed tinsisti fuqha hu li ż-żmien li wieħed idaħħal is-sottomissjonijiet ikun itwal. Hu kompla jgħid li l-laqgħa kienet fit-18 ta' Awwissu u d-data tal-għeluq kien 27 ta' Awwissu 9 t'ijiem biss.
Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet tgħid li mhux kollox mitluf minħabba li hemm il-European Waste Reduction Week bejn l-20 u t-28 ta' Novembru u allura waqt id-dikussjonijiet li saru bejniethom ħarġu bl-ideja li jsir 4 pager li jkun indirizzat lejn il-ġenerazzjoni żgħira minħabba li t-tfal huma l-futur tas-soċjetà. Hi qalet li dejjem jekk kulħadd jaqbel dan ħa jindizza l-ambjent u l-iskart imma jiddaħħa' ġo dan il-fuljett l-aspett ta' kif nibżgħu għall-ilma u s-siġar, u pariri dwar kif wieħed jirriċikla kif suppost. Qalet li ħarġu bl-ideja li ma' dan il-fuljett edukattiv titqassam ukoll żerriegħa ta' siġar indiġeni lit-tfal li t-tfal ikabbru huma stess fi żmien tliet snin u li l-għan konklussiv ikun li dawn jinżergħu f'2024 f'postijiet madwar ir-raħal waqt attività li ssir attaposta. Is-Sinjura Mifsud qalet li ħa jinġabru l-kwotazzjonijiet.
Is-Sur Galea saqsa jekk hux ħa titqassam l-iskola ta' Ħ'Attard biss. Is-Sur Cordina qal li ħa jitqassam ma Ħ'Attard kollu. Il-Perit Schembri qal li kien jipprova jgħaqqadha mat-tema li jintrema' inqas skart bħal kunċett *the tree of life* li l-karti jiġu mis-siġar u li hija kontinwa għalhekk tgħoġġbu ħafna. L-Avukat Caruana qalet li lilha tgħoġġobha l-ideja u anka l-fatt li t-tfal jagħmlu ftit ġardinaġġ. Flimkien mas-Sur Mangion issuġġeriet li l-fuljett jittella' onlajn.

33.3.4 *Vettura għall-użu mill-Amministrazzjoni*

Is-Sindku qal li iktar mhu jgħaddi żmien iktar qed jiżdiedu l-laqgħat u għaldaqstant peress li dejjem qed jintużaw il-vetturi privati qed jissuġġerixxi li tinxtara vettura *second hand* Mazda Demio għall-prezz ta' €5,800. Is-Sur Galea saqsa jekk jgħoliex il-prezz jekk imorru għal xi ħaġa tal-elettriku. Is-Sur Cordina qal li l-prezz ivarja u jogħla sew għax iċċekkja u tiġi mal-€20,000.

Hu qal li ġab tliet kwotazzjonijiet u mar fuq dik li l-prezz ġie mnaqqas. Il-Perit Schembri u s-Sur Galea ssuġġerew li jsirilha logo fuqha. Is-Sur Cordina qal li ħa jara imma peress li din ħa tkun ipparkjata barra, anka ħabba vendikazzjonijiet ma jissuġġerix li jsirilha logo. Is-Sur Galea qal li jekk tkun taħt kamera ta' sorveljanza tkun sigura imma ha jaraw daqxejn forsi iktar il-quddiem wieħed jixtri garaxx imma mhux għalissa. L-Avukat Caruana qalet li xorta hi tal-opinjoni li jmorru fuq vettura iktar *green.* Saqsiet kemm għandha snin u mili għax mhux *worth it* li wieħed joqgħod ġej u sejjer għand il-mekkanik. Is-Sur Cordina qal li l-annu hu ta' 2013 u kull ma fiha hu 97,000 mili. Is-Sur Bonnici qabel ukoll li jmorru fuq *hybrid second hand* li tiswa' xi €7,000. Is-Sur Cordina qal li xorta din iktar għolja u trid toħroġ tender għaliha. Is-Sur Cordina qal li jekk ħa jmur fuq *hybrid second hand* imur fuq waħda ġdida minħabba li l-ispiża tal-batterija hi għolja ferm. Hu qal li għalissa kieku jmorru fuq din imbaghad u jekk toħroġ xi skema tal-Gvern imorru fuq waħda ġdida u *green.* Il-Perit Schembri qal li jekk din il-vettura ħa tintuża minn filgħodu sa filgħaxija mod imma jekk ħa tintuża okkażjonalment diffenti. Is-Sur Cordina qal li mhux ħa tintuża minn filgħodu sa filgħaxija u li l-ideja kienet tiegħu għalkemm huma spiss l-okkażjonijiet li l-istaff juża' l-vettura tiegħu imma li qatt ma talab xejn jew gerger. Il-Perit Schembri qal li għalissa fil-każ tinxtara din imma l-quddiem wieħed jinvesti f'vettura *hybrid* ġdida taħt xi skema tal-Gvern. Is-Sur Galea wkoll qabel li hybrid second hand hija riskjuża għax taf f'10 snin ma jkollha xejn imbagħad tfaqqaslek f'daqqa. Saqsa jekk hux 2 bibien jew 4 bibien. Is-Sur Cordina qal li 4 bibien. L-Avukat Brincat qal li l-Assoċjazzjoni wkoll qed tiddiskuti dan l-aspett u għalhekk il-Kunsill għandu jikkonsulta fuq il-platform tal-Assoċjazzjoni sabiex il-Kunsilli jingħata fondi taħt xi skema issa li jafu li hemm *target dates* meta se tieqaf l-importazzjoni ta' vetturi bil-fjuwil u jmorru iktar *green* billi jissalvagwardjaw l-Ambjent tagħna. Is-Sur Cordina qal li hu kien preżenti wkoll għal din il-*launch* imma għal dawn it-tip ta' vetturi iridu jiġu provduti *charging points* u Infrastructure Malta qegħda fil-proċess li tweħħel dawn il-points imma hemm il-problemi bħac-*charging points* humiex sa jkunu fuq bażi personali jew *communal*, kemm se jkunu jistgħu iħallu l-vettura jekk ikunu *communal.* Id-dokumenti li preżentaw l-AKL huwa wieħed minn 24 u inutli jsiru ċ-*charging pillar* jekk għad m'hemmx konklużjoni fuq dawn ir-rapporti. L-Avukat Brincat spera li għallinqas issa li qed isir is-*Central Link* dawn ikunu maħsuba mhux wara jerġa' jinqalgħu toroq u bankini. Is-Sur Cordina saqsa wkoll jekk jaqblux li dawn il-fondi jittieħdu mir-Reġjun minn dawk imġemmgħin. Kulħadd qabel li tinxtara u li l-fondi jittieħdu mir-Reġjun.

## 33.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

33.4.1 Victor Galea

- Semma il-proġett tas-*Central Link* li meta kien hemm il-laqgħa mal-Inġineer Fredrick Azzopardi kien semma li t-triq qed iżżomm għadira ilma. Preżentament kienu qed jestendu l-proġett biex inaqqsu l-għarar u kien qed isir *culvert* fi Triq l-imdina ma' Triq

l-Għarix u għalhekk talab jekk il-Kunsill jistax jintervjeni biex dan jiġi estiż ma’ Triq l-Għarix ukoll minħabba li r-residenti t’hemm qas jistgħu joħorġu bl-ilmijiet li jgħaddu u jkollhom iġenbu l-karozzi. Is-Sur Cordina qal li tliet xhur ilu hu kien iltaqa’ mal-Perit u saħansitra bgħatlu filmati tal-ilmijiet li jinżlu minn Triq Victor Vassallo, Triq il-Qiegħa, Triq il-Fies sa Triq l-Għarix fejn kien anka ssuġġerixxa li jsir *culvert* fuq biex jilqa’ l-ilma mill-bidu. Qallu wkoll biex isir *culvert* fil-bidu ta’ Triq il-Qiegħa biex jilqa’ l-imijiet li jiġu min-naħa tas-supermarket u jibqa’ jiġi estiż it-tul tat-triq Victor Vassallo jispara għal Wied u fl-istess ħin issir Triq Victor Vassallo. Hu qal li jispera li dan kollu jtaffi l-ilmijiet u li ħa jkabbru l-pajpijiet ukoll. Is-Sur Galea qal li hemm xi katusi ġoż-żona industrijali li qed jirċievu ammont kbir ta’ ilma u li kif ifur il-ġibjun jagħmlu ħsara kbira lit-triq. Is-Sur Cordina qal li tajjeb li jkun notifikat il-Perit biex jiġi evitat dan.

33.4.2 Giorgio Mario Schembri

- Qal li l-problema eżistenti hija wkoll lejn Triq San Pawl. Is-Sur Cordina qal li meta kienet għamlet dik ix-xita kollha kien għad fadal żewġ kisjiet tarmak u allura l-*culverts* ma kienux qed jiffunzjonaw sew. Hu kompla jgħid li jispera li kif jitlesta’ x-xogħol da jittaffa wkoll. Il-Perit Schembri qal li jekk hemm bżonn issir reviżjoni aħjar issa milli wara.
- Qal li mir-roundabout ta’ quddiem il-petrol station sax-*showroom* tas-Sur Victor Galea waslu fil-fażijiet finali imma meta kien qed jinfirex it-tarmak għamlet ix-xita qliel u r-rombli kienu għaddejjin minn ġo xmajjar. Hu jispera li jsiru t-testijiet u jekk jirriżulta li mhux tajjeb dan jinqala’ u jsir mill-ġdid u jixtieq li din l-osservazzjoni tasal għand Infrastructure Malta.
- Qal li issa li l-proġett wasal fil-finali jissuġġerixxi li jiltaqgħu ma’ Infrastructure Malta sabiex jiddiskutu t-traffiku kollu li jinżel mill-Mosta u jinqata’ t-traffiku lejn l-akwata ta’ Durumblat u jiġi evitat li jgħaddi kollu miċ-Ċentru.

33.4.3 Silvio Brincat

- Qal li għadha qed tinxtam ir-riħa tad-drenaġġ u hemm bżonn li Infrastructure Malta jridu jsolvuha
- Saqsa jekk hux ħa jingħata l-vaċċin tal-influwenza mill-Kunsill. Is-Sur Cordina qal li din tal-vaċċin tal-Covid jidhirlu u anka Sindki oħra qablu li għandha tkun f’idejn l-awtoritajiet tas-saħħa għax il-Kunsill ma jistax jibbukkja n-nies, isib il-post u jieħu l-appuntamenti u jsib ners/tabib. Fir-rigward tal-vaċċin tal-influwenza dal-aħħar sentejn il-Kunsilli ma kienux involuti.
- Saqsa jekk hux se jiġu organiżżati attivitajiet bħalha *social corporate policy*
- Saqsa fuq clean up li se ssir fit-18 ta’ Settembru. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li huma mhumiex infurmati imma jekk isir jieħdu sehem mhux problema.

33.4.4 Remigio Bartolo

- Qal li kienu ġew avviċinati minn Gela imma minħabba l-pandemija kellu jieqaf kollox ħesrem. Dan l-aħħar ir-rappreżentanta tagħom Ivana Legname għamlet kuntatt mal-Kunsill u flimkien mal-Uffiċċju tal-EU ġiet sottomessa applikazzjoni għall-fondi. Ma kinitx xi ħaġa faċli imma skont is-sitwazzjoni tal-pandemijja wieħed jimxi.
- Saqsa fuq l-Uffiċċini. Is-Sur Cordina qal li qed jistennew ġurnata fejn ħa jiltaqgħu sabiex jinstema’ l-appell.

33.4.5 Victor Galea

- Qal li issa li kważi lesti t-toroq l-ispeed żdiet speċjalment meta jkun hemm id-diskos. Is-Sur Cordina qal li dan diġà kien maħsub u nfatti saru diskussjonijiet fuq hekk biex isiru nterventi fuq l-ispeed eċċessiv.

## 33.5 *Management Letter* u Risposta tas-Sindku

33.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet diġà għamlet aċċenn u ċċirkulat il-*Management Letter* u r-Risposta tas-Sindku li għalija fl-opinjoni tagħha kienet waħda pożittiva. Il-punti li hi semmiet a diskrezzjoni ta' dawk li jkunu qed jisimgħu jinsabu mehmużin ma' dawn il-Minuti u disponibbli fuq il-website: https://localgovernment.gov.mt

Is-Sindku irringrazzja lill-istaff tal-ħidma u ta' din il-*Management Letter* li l-mertu tagħha jmur lejn il-ħidma kontinwa tal-ufficcju. Is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzjat lill-kulħadd u saħqet li l-importanti li jkunu konformji mal-liġi. Ir-risposta ġiet iffirmata mis-Sindku.

## 33.6 Rapporti: Rapport tal-Kwart tas-Sena April-Ġunju 2021

33.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan ir-rapport hu wieħed pożittiv ukoll, il-bilanċi huma pożittivi l-FSI qiegħed 9% imma dan ma jfissirx li ħa jkun l-FSI għall-aħħar tas-sena minħabba li jkun fadal 2 kwarti oħra u li ma kelliex iktar xi żżid ma dan ħlief li x-xogħol qed isir u li qed jaħdmu flimkien. Ir-rapport ġie approvat.

## 33.7 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

33.7.1 **Rizoluzzjoni 11 Proponent Stefan Cordina Sekondant Remigio Bartolo**

Permezz ta' din ir-Riżoluzzjoni il-Kunsill Lokali Ħ'Attard qed jaqbel li ssir BOV card bankarja *DEBIT* li tkun prinċiparjament għad-depożiti biss u ma tkunx tista' tiġbed biha. Dan bl-intenżjoni li jiġi evitat il-proċess ta' dewmien mill-Bank sakemm jidħlu l-flus fl-*accounts* u nkunu konformi mal-liġi fejn jingħad li depożiti jridu jsiru kull tliet ijiem u jidħlu fl-*account fl-*istess żmien.

Is-Sur Victor Galea saqsa għaliex ma ssirx laqgħa u l-Kunsill jingħata preferenza biex dawn il-flejjes jiġu depożitati fil-ħin. Peress li ma jsirux eċċezzjonijiet lanqas fejn jidħlu tariffi dan ma jistax isir u l-Kunsill huwa stmat daqs kwalunkwe ċittadin ieħor.

Kulħadd qabel.

33.7.2 **Riżoluzzjoni 12 Proponent Stefan Cordina Sekondant Giorgio Mario Schembri**

Permezz ta' din ir-Riżoluzzjoni il-Kunsill Lokali Ħ'Attard qed jaqbel li japplika għall-Għotja ta' fondi taħt l-iskema SPI/SCI/6/2021 Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2021 sabiex jekk jirnexxi b'kollaborazzjoni mal-Każini jsir Villagg tal-Milied fi Pjazza Tumas Dingli.

Kulħadd qabel.

L-Avukat Caruana ħarġet minn onlajn f'dan il-mument 7.05pm

## 33.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

33.8.1 Il-pagamenti ġew approvati.

## 33.9 Mozzjonijiet; u

33.9.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 33.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

33.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.08pm u ġiet aġġornata għat-13 t'Ottubru 2021 fil-5.30pm

Konfermati, illum 13 ta' Ottubru 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Stefan Cordina | Marica Mifsud |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |